SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

22 ta’ Diċembru 2022*

“ Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2003/96/KE – Tassazzjoni fuq prodotti enerġetiċi u fuq l-elettriku – Ir-raba’ inċiż tal-Artikolu 5 – Rati tas-sisa ddifferenzjati skont l-użu professjonali, jew le, ta’ dawn il-prodotti – Eżenzjoni u tnaqqis ta’ taxxi fakultattivi – Preżentazzjoni ta’ talba għal tnaqqis fiskali fakultattiv wara l-iskadenza tat-terminu previst għal dan il-għan iżda qabel l-iskadenza tat-terminu ta’ likwidazzjoni tat-taxxa kkonċernata – Prinċipju ta’ ċertezza legali – Prinċipju ta’ effettività – Prinċipju ta’ proporzjonalità”

Fil-Kawża C-553/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi, il-Ġermanja), permezz ta’ deċiżjoni tat-8 ta’ Ġunju 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta’ Settembru 2021, fil-proċedura

**Hauptzollamt Hamburg,**

vs

**Shell Deutschland Oil GmbH,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn N. Piçarra (Relatur), li qiegħed jaġixxi bħala President ta’ Awla, N. Jääskinen u M. Gavalec, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Hauptzollamt Hamburg, minn C. Schaade, bħala aġent,

– għal Shell Deutschland Oil GmbH, minn J. Dengler, L. Freiherr von Rummel u R. Stein, Rechtsanwälte,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Armenia u R. Pethke, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità, bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, moqri flimkien mar-raba' inċiż tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti enerġetiċi u elettriku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 405).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn il-Hauptzollamt Hamburg (l-Uffiċċju Prinċipali tad-Dwana ta' Hamburg, il-Ġermanja) (iktar 'il quddiem l-"Uffiċċju Doganali") u Shell Deutschland Oil GmbH (iktar 'il quddiem "Shell") dwar ir-rifjut tal-Uffiċċju Doganali li jeżenta lil din il-kumpannija mit-taxxa imposta fuq il-prodotti tal-enerġija użati minnha bħala kombustibbli għal finijiet professjonali.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 3 sa 17 u 21 tad-Direttiva 2003/96 jistipulaw:

"(3) Il-funzjonijiet kif suppost tas-suq intern u s-seħħ ta' għanijiet ta' politiki oħra tal-Kommunità jinħtieġu livelli minimi ta' tassazzjoni li jkunu stabbiliti fuq livell Kommunitarju għall-bosta mill-prodotti tal-enerġija, u jinkludu l-elettriku, gass naturali u faħam.

[…]

(17) Huwa neċessarju li l-Komunità tistabilixxi livelli minimi u differenti ta' tassazzjoni skond l-użu ta' prodotti ta' enerġija u elettriku.

[…]

(21) Prodotti ta' enerġija u elettriku użati kemm għall-negozju kif ukoll dawk li ma jintużawx għall-negozju jistgħu jiġu ttrattati differenti għall-skopijiet ta' taxxa."

4 L-Artikolu 5 ta' din id-direttiva huwa redatt kif ġej:

"Jekk kemm-il darba dawn jirrispettaw il-livelli minimi ta' tasazzjoni kif preskritti minn din id-Direttiva u li huma kompatibbli mal-liġi tal-Kummunità, rati differenti ta' tassazzjoni jistgħu jiġu applikati minn Stati Membri, taħt kontoll fiskali, fil-każijiet li ġejjin:

[…]

– bejn użu għan-negozju u dak li mhuwiex, għall-prodotti ta' enerġija u elettriku li hemm riferenza għalihom f'L-Artikoli 9 [karburant] u 10 [elettriku]."

5 Skont l-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva:

"Stati Membri għandhom ikunu liberi li jpoġġu fis-seħħ l-eżenzjonijiet u t-tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni kif preskritti minn din id-Direttiva, jew:

[...]

(ċ) permezz ta' rifużjoni kollha jew parti ta' l-ammont ta' tassazzjoni."

### *Id-dritt Ġermaniż*

6 L-Artikolu 54(1) tal-Energiesteuergesetz (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija), tal-15 ta' Lulju 2006 (BGBl. 2006 I, p. 1534), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem l-"EnergieStG"), jipprevedi li:

"Eżenzjoni fiskali tingħata fuq talba għall-prodotti ta' enerġija li jintwera li huma ġew intaxxati skont il-punti 1, 3 u 5 tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 2(3), u li ntużaw bħala kombustibbli għal finijiet professjonali jew użati f'installazzjonijiet li jibbenefikaw minn skema preferenzjali, fis-sens tal-Artikolu 3, minn impriża tas-settur produttiv, fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 2 tas-Stromsteuergesetz [(il-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Elettriku), tal-24 ta' Marzu 1999 (BGBl. 1999 I, p. 378)] [...]. Madankollu, eżenzjoni fiskali għal prodotti ta' enerġija li ntużaw għall-produzzjoni tas-sħana tingħata biss sa fejn jiġi ċċertifikat li s-sħana prodotta intużat minn impriża tas-settur produttiv [...]."

7 L-Artikolu 100 tal-Verordnung zur Durchführung des Energiesteuergesetzes (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija), tal-31 ta' Lulju 2006 (BGBl. 2006 I, p. 1753, iktar 'il quddiem l-"EnergieStV"), intitolat "Eżenzjoni fiskali għall-impriżi", fil-paragrafu 1 tiegħu, jipprevedi li:

"L-eżenzjoni mit-taxxa prevista fl-Artikolu 54 tal-EnergieStG għandha tintalab mingħand l-[Uffiċċju Doganali] li taħtu jaqa' l-applikant, bil-formola uffiċjali meħtieġa, għall-prodotti tal-enerġija kollha użati matul il-perijodu kkonċernat. L-applikant għandu jipprovdi fit-talba tiegħu l-indikazzjonijiet kollha meħtieġa għall-finijiet tal-eżenzjoni u jikkalkola huwa stess l-ammont tal-eżenzjoni. L-eżenzjoni għandha tingħata biss jekk t-talba tiġi ppreżentata lill-[Uffiċċju Doganali] sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara s-sena kalendarja li fiha jkunu ntużaw il-prodotti tal-enerġija."

8 L-Artikolu 169 tal-Abgabenordnung (il-Kodiċi tat-Taxxi), intitolat "Terminu ta' likwidazzjoni", huwa redatt kif ġej:

"(1) Likwidazzjoni tat-taxxa, kif ukoll annullament jew emenda tagħha ma humiex iktar possibbli wara l-iskadenza tat-terminu ta' likwidazzjoni. [...]

(2) It-terminu ta' likwidazzjoni għandu jkun:

1. ta' sena għad-dazji tas-sisa u l-ħlas lura tad-dazji tas-sisa,

[...]"

9 Skont l-Artikolu 170 ta’ dan il-kodiċi, it-terminu ta’ likwidazzjoni jibda jiddekorri mill-aħħar tas-sena kalendarja li fiha nħoloq l-obbligu fiskali.

10 L-Artikolu 171 tal-imsemmi kodiċi, intitolat “Proroga tat-terminu” jipprevedi, fil-paragrafu 4 tiegħu, li jekk verifika fiskali tkun bdiet qabel l-iskadenza tat-terminu ta’ likwidazzjoni tat-taxxi li huma s-suġġett ta’ din il-verifika fiskali, tali terminu ma jiskadix qabel ma l-avviżi ta’ impożizzjoni maħruġa wara l-imsemmija verifika fiskali jkunu saru definittivi, bla ħsara għal estensjoni tal-istess terminu skont dispożizzjonijiet oħra.

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

11 Shell ippreżentat, quddiem l-uffiċċju doganali, permezz tal-formola uffiċjali prevista għal dan il-għan, talba għal eżenzjoni fiskali skont l-Artikolu 54(1) tal-EnergieStG, għall-prodotti tal-enerġija li hija użat għal finijiet professjonali matul il-perijodu mix-xahar ta’ Awwissu sax-xahar ta’ Novembru 2010, fil-forma ta’ rimbors parzjali tal-ammont tat-taxxa, kif previst fl-Artikolu 6(ċ) tad-Direttiva 2003/96.

12 Huwa paċifiku li, għal dan il-perijodu, il-kundizzjonijiet kollha sabiex Shell tkun tista’ tibbenefika minn tali tnaqqis fiskali, skont l-Artikolu 54(1) tal-EnergieStG kienu ssodisfatti, bl-eċċezzjoni tat-tressiq, fit-terminu stabbilit fl-Artikolu 100 tal-EnergieStV, ta’ talba għal dan il-għan, li waslet għand l-uffiċċju doganali fix-xahar ta’ Mejju 2012. Huwa paċifiku wkoll li, matul is-sena 2011, din il-kumpannija kienet suġġetta għal kontroll fiskali għas-sena 2010.

13 L-Uffiċċju Doganali ċaħad it-talba mressqa minn Shell kif ukoll l-ilment imressaq kontra din id-deċiżjoni ta’ ċaħda, rispettivament fit-13 ta’ Awwissu 2012 u fis-27 ta’ Frar 2015, minħabba li din il-kumpannija ma kinitx ressqet it-talba tagħha għal tnaqqis fiskali fit-terminu stabbilit fl-Artikolu 100(1) tal-EnergieStV.

14 Permezz ta’ sentenza tal-1 ta’ Frar 2019, il-Finanzgericht Hamburg (il-Qorti tal-Finanzi ta’ Hamburg, il-Ġermanja) laqgħet ir-rikors ippreżentat minn Shell, billi ddeċidiet li din l-aħħar dispożizzjoni kienet ġiet osservata, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni u li, fi kwalunkwe każ, fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni, b’mod partikolari tal-prinċipju ta’ proporzjonalità, l-Uffiċċju Doganali kellu jilqa’ t-talba ta’ Shell.

15 L-Uffiċċju Doganali ppreżenta appell għal reviżjoni minn din is-sentenza quddiem il-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi, il-Ġermanja), il-qorti tar-rinviju.

16 Din il-qorti tindika li s-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali tiddependi fuq il-punt dwar jekk, meta talba għal tnaqqis fiskali mressqa skont l-Artikolu 54(1) tal-EnergieStG — dispożizzjoni bbażata fuq ir-raba’ inċiż tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/96 — tasalx quddiem l-uffiċċju doganali wara l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata ta’ tali talba, iżda billi josservaw it-terminu ta’ likwidazzjoni tat-taxxa, estiża minħabba kontroll fiskali mibdi mingħand l-applikant, konformement mal-Artikolu 171(4) tal-Kodiċi tat-Taxxa, id-dritt tal-applikant għal dan it-tnaqqis tat-taxxa huwa eskluż, skont l-Artikolu 100(1) tal-EnergieStV, jew jekk il-prinċipju ta’ proporzjonalità bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni jipprekludi lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti milli jirrifjutaw tali dritt biss minħabba n-nuqqas ta’ konformità mal-ewwel terminu.

17 L-imsemmija qorti tirrileva li, fil-mument meta t-talba għal tnaqqis fiskali waslet għand l-Uffiċċju Doganali, fix-xahar ta' Mejju 2012, it-terminu ta' likwidazzjoni kien għadu ma skadiex b'konsegwenza tal-kontroll fiskali li Shell kienet suġġetta għalih matul is-sena 2011. Hija tfakkar li dan huwa terminu ta' dekadenza li jservi ċ-ċertezza legali u l-istabbiltà legali kif ukoll il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja iddeċidiet diġà fuqha.

18 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tosserva, minn naħa, li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta mis-sentenzi tat-2 ta' Ġunju 2016, Polihim-SS (C-355/14, EU:C:2016:403) u tas-7 ta' Novembru 2019, Petrotel-Lukoil (C-68/18, EU:C:2019:933), imur kontra d-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari l-prinċipju ta' proporzjonalità li jiġi ssanzjonat il-ksur ta' rekwiżiti formali previsti mid-dritt nazzjonali permezz ta' rifjut li jingħata benefiċċju fiskali previst mid-Direttiva 2003/96 u, min-naħa l-oħra, li, skont il-ġurisprudenza tagħha stess, it-talba għal eżenzjoni mit-taxxa "mhux rekwiżit sostantiv iżda biss rekwiżit formali tad-dritt għal eżenzjoni mit-taxxa". Dan jista' jimmilita, skont din il-qorti, fis-sens li talba barra mit-terminu ma tipprekludix it-tassazzjoni ta' prodott tal-enerġija skont l-użu reali tiegħu, f'dan il-każ bħala kombustibbli għal finijiet ta' negozju. F'każ bħal dan, l-imsemmija qorti għandha t-tendenza li tikkunsidra li, sakemm it-terminu ta' likwidazzjoni previst fl-Artikolu 169 tal-Kodiċi tat-Taxxa ma jkunx skada, id-dritt għall-eżenzjoni jew għat-tnaqqis tat-taxxa fuq l-enerġija ma jistax jiġi rrifjutat mill-awtorità kompetenti, jekk ir-rekwiżiti sostantivi previsti għal dan il-għan ikunu ssodisfatti.

19 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, madankollu, jekk il-ġurisprudenza ċċitata, li tirrigwarda eżenzjonijiet fiskali obbligatorji previsti mid-Direttiva 2003/96, tapplikax ukoll għall-eżenzjonijiet fiskali fakultattivi previsti minn din id-direttiva, li huma s-suġġett tal-kawża prinċipali.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesfinanzhof (il-Qorti Federali tal-Finanzi, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Il-prinċipju ta' proporzjonalità [bħala prinċipju ġenerali] tad-dritt tal-Unjoni japplika wkoll għat-tnaqqis ta' taxxa fakultattiv skont ir-raba' inċiż tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 5 tad-Direttiva [2003/96], b'mod li l-Istat Membru ma jistax jirrifjuta t-tnaqqis ta' taxxa ladarba jkun skada t-terminu previst fid-dritt nazzjonali tiegħu sabiex issir talba, jekk fil-mument tar-riċezzjoni tat-talba mill-awtorità kompetenti, l-evalwazzjoni tat-taxxa ma tkunx għadha ġiet preskritta?"

## Fuq id-domanda preliminari

21 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipju ta' effettività u l-prinċipju ta' proporzjonalità, bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' dispożizzjoni bħal dik tar-raba' inċiż tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/96, li jippermetti lill-Istati Membri japplikaw, taħt ċerti kundizzjonijiet, rati ta' tassazzjoni ddifferenzjati bejn l-użu għan-negozju u dak li ma huwiex tal-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku msemmija minn din id-direttiva, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li skontha l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru huma obbligati li jirrifjutaw, awtomatikament u mingħajr eċċezzjoni, talba għal eżenzjoni mit-taxxa ppreżentata fil-limitu ta' żmien għall-ħlas tat-taxxa inkwistjoni, previst mil-liġi nazzjonali, għar-raġuni unika li l-applikant ma rrispettax il-limitu ta' żmien stabbilit minn din il-liġi għall-introduzzjoni ta' tali talba.

22 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kundizzjonijiet materjali ta' eżenzjoni mid-dazji tas-sisa għall-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku msemmija mid-Direttiva 2003/96, għandu jitfakkar li din id-direttiva, kif jirriżulta mill-premessa 3 tagħha, għandha l-għan li tistabbilixxi livelli minimi ta' tassazzjoni għall-parti l-kbira tal-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku fil-livell tal-Unjoni Ewropea. Skont id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 5 u 6 tal-imsemmija direttiva, moqrija fid-dawl tal-premessi 17 u 21 tagħha, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu rati ta' tassazzjoni ddifferenzjati, eżenzjonijiet mit-taxxa jew tnaqqis fiskali tad-dazji tas-sisa, li jagħmlu parti integrali mis-sistema ta' tassazzjoni armonizzata stabbilita mill-istess direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, Hauptzollamt B (Tnaqqis fiskali fakultattiv), C-100/20, EU:C:2021:716, punt 30).

23 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/96 jagħti għalhekk il-possibbiltà lill-Istati Membri li japplikaw, fl-osservanza tal-livelli minimi ta' tassazzjoni previsti minn din id-direttiva kif ukoll b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni, rati ta' tassazzjoni differenti f'ċerti każijiet elenkati f'dan l-artikolu, fosthom dak previst fir-raba' inċiż tiegħu, dwar l-użu għan-negozju u dak li ma huwiex, tal-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku msemmija fl-Artikoli 9 u 10 tal-imsemmija direttiva. Din il-fakultà tagħmel parti integrali mis-sistema ta' tassazzjoni armonizzata stabbilita mill-istess direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, Hauptzollamt B (Tnaqqis fiskali fakultattiv), C-100/20, EU:C:2021:716, punt 30).

24 Minn dan isegwi li l-operaturi ekonomiċi suġġetti għal rata mnaqqsa tat-taxxa kkonċernata b'talba ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li timplimenta l-imsemmija possibbiltà, meta jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-operaturi ekonomiċi suġġetti għar-rata normali ta' din it-taxxa skont dispożizzjoni obbligatorja tad-Direttiva 2003/96, ma għandhomx, konformement mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, jiġu ttrattati b'mod differenti minn dawn tal-aħħar, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, Hauptzollamt B (Tnaqqis fiskali fakultattiv), C-100/20, EU:C:2021:716, punti 31 u 32).

25 Fit-tieni lok, peress li l-kundizzjonijiet formali u proċedurali dwar it-tressiq ta' talba għall-eżenzjoni mit-taxxa imposta fuq il-prodotti tal-enerġija jew fuq l-elettriku, ibbażata fuq leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-possibbiltà prevista fir-raba' inċiż tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/96, peress li la hija ppreċiżata minn din id-direttiva, u lanqas minn att ieħor tad-dritt tal-Unjoni, huwa l-ordinament ġuridiku intern ta' kull Stat Membru li għandu jirregola dawn il-kundizzjonijiet, skont il-prinċipju tal-awtonomija proċedurali, bla ħsara madankollu li dawn ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet komparabbli ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u li ma jagħmlux fil-prattika impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività) ara, b'analoġija, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, GE Auto Service Leasing, C-294/20, EU:C:2021:723, punt 59).

26 L-istess japplika fir-rigward, b'mod partikolari, tal-iffissar tat-termini għall-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet, b'mod partikolari tat-termini ta' preskrizzjoni u ta' dekadenza. Fil-fatt, hija ġurisprudenza stabbilita li l-iffissar ta' termini raġonevoli taħt piena ta' dekadenza jikkostitwixxi talba tal-prinċipju fundamentali ta' ċertezza legali, li huwa intiż li jiggarantixxi l-prevedibbiltà tas-sitwazzjonijiet u tar-relazzjonijiet ġuridiċi u jeżiġi, b'mod partikolari, li s-sitwazzjoni ta' persuna taxxabbli, fid-dawl tad-drittijiet u tal-obbligi tagħha fir-rigward tal-awtorità tat-taxxa, ma tkunx tista' tiġi kkontestata b'mod indefinit (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Ġunju 2012, Elsacom, C-294/11, EU:C:2012:382, punt 29, kif ukoll tal-14 ta' Ottubru 2021,Finanzamt N u Finanzamt G (Komunikazzjoni tal-assenjazzjoni), C-45/20 u C-46/20, EU:C:2021:852, punt 59, u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Madankollu, tali termini għandhom japplikaw bl-istess mod għad-drittijiet fil-qasam fiskali bbażati fuq id-dritt intern u għal dawk, analogi, ibbażati fuq id-dritt tal-Unjoni, minbarra li ma għandhomx irendu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-dritt ikkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' April 2020, CTT – Correios de Portugal, C-661/18, EU:C:2020:335, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 L-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività fir-rigward speċifikament tat-termini ta' preskrizzjoni u ta' dekadenza għandha tiġi eżaminata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rwol tar-regoli nazzjonali li jistabbilixxu dawn it-termini fil-proċedura kollha, l-iżvolġiment ta' din il-proċedura u l-karatteristiċi partikolari ta' dawn ir-regoli quddiem id-diversi qrati nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2020, Valoris, C-677/19, EU:C:2020:825, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Fil-fatt, tali termini ma humiex ta' natura li jagħmlu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, anki jekk, bħala prinċipju, id-dekorrenza ta' dawn it-termini jagħti lok għaċ-ċaħda, totali jew parzjali, tal-azzjoni mibdija (sentenza tal-21 ta' Ottubru 2021, Wilo Salmson France, C-80/20, EU:C:2021:870, punt 95 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 F'dan il-każ, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprevedi, minn naħa, terminu ta' sena għal-likwidazzjoni tat-taxxa fuq l-enerġija, ikkalkolat mill-aħħar tas-sena kalendarja li fiha nħoloq l-obbligu fiskali. Fil-każ ta' verifika fiskali, dan it-terminu ma jiskadix sad-data li fiha l-avviżi ta' impożizzjoni maħruġa wara din il-verifika jsiru definittivi. Min-naħa l-oħra, din il-leġiżlazzjoni tipprevedi terminu għat-tressiq ta' talba għal eżenzjoni fiskali quddiem l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, tal-istess tul u, qabelxejn, bl-istess punt ta' tluq tat-terminu ta' likwidazzjoni. L-iskadenza tat-terminu ta' tressiq ta' din it-talba twassal awtomatikament u mingħajr eċċezzjoni għar-rifjut tal-imsemmija talba, anki jekk it-terminu ta' likwidazzjoni tat-taxxa jkun għadu ma skadiex, minħabba sospensjoni, interruzzjoni jew estensjoni li tista' tkun is-suġġett tagħha.

31 Issa, il-prinċipju ta' effettività jipprekludi l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jekk din għandha tiġi interpretata fis-sens li n-nuqqas ta' osservanza tat-terminu għat-tressiq ta' talba għal eżenzjoni fiskali jwassal awtomatikament u mingħajr eċċezzjoni għar-rifjut ta' din it-talba, inkluż meta t-terminu ta' likwidazzjoni tat-taxxa kkonċernata — li għandu l-istess tul u l-istess punt ta' tluq bħat-terminu għall-preżentazzjoni tat-talba u li jista' jiġi interrott, sospiż jew estiż — ikun għadu ma skadiex b'mod partikolari minħabba kontroll fiskali li l-applikant huwa suġġett għalih. Fil-fatt, f'din l-ipoteżi, tali leġiżlazzjoni tista' ċċaħħad, indipendentement miċ-ċirkustanzi tal-kawża inkwistjoni, persuna taxxabbli mid-dritt tagħha għall-eżenzjoni, filwaqt li l-Istat Membru kkonċernat għażel li jiggarantixxi dan id-dritt lill-operaturi ekonomiċi fit-territorju tiegħu.

32 Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma kkorroborati mill-prinċipju ta' proporzjonalità, bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li l-qorti tar-rinviju titlob l-interpretazzjoni tagħhom u li d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni għandhom ukoll josservaw (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Lulju 2017, Vakarų Baltijos laivų statykla, C-151/16, EU:C:2017:537, punt 45, tad-9 ta' Settembru 2021, Hauptzollamt B (Tnaqqis fiskali fakultattiv), C-100/20, EU:C:2021:716, punt 31 u tat-30 ta' Ġunju 2022, ARVI ir ko, C-56/21, EU:C:2022:509, punt 34). Dan il-prinċipju jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jirrikorru għal mezzi li, filwaqt li jippermettu li jintlaħaq effiċjentement l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni nazzjonali,

jippreġudikaw mill-inqas possibbli l-prinċipji stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2021, Finanzamt N u Finanzamt G (Komunikazzjoni tal-assenjazzjoni), C-45/20 u C-46/20, EU:C:2021:852, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li, fit-terminu ġenerali ta' preskrizzjoni ta' ħames snin, tipprekludi lil persuna taxxabbli li naqset milli titlob it-tnaqqis tal-VAT tal-input, milli tirrettifika d-dikjarazzjonijiet tal-VAT tagħha għall-perijodi li diġà kienu s-suġġett ta' kontroll fiskali, billi ttellifha d-dritt għal tnaqqis, tidher, fid-dawl tal-pożizzjoni ċentrali li jokkupa d-dritt għal tnaqqis fis-sistema tal-VAT, sproporzjonata fir-rigward tal-għan intiż mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, fil-każ fejn ebda frodi u mingħajr preġudizzju għall-baġit tal-Istat ma jkunu stabbiliti (sentenza tas-26 ta' April 2018, Zabrus Siret, C-81/17, EU:C:2018:283, punt 51). Din l-evalwazzjoni tapplika, *mutatis mutandis*, għal leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

34 Peress li ma jidhirx li, f'ċirkustanzi bħal dawk imsemmija fil-punt 30 ta' din is-sentenza, l-ammissjoni ta' talba għal eżenzjoni jew għal tnaqqis fiskali mressqa wara l-iskadenza tat-terminu għall-preżentazzjoni ta' tali talba iżda fl-osservanza tat-terminu ta' likwidazzjoni tat-taxxa inkwistjoni, hija inkompatibbli mal-prinċipju ta' ċertezza legali, u fid-dawl tal-istruttura ġenerali u tal-għan tad-Direttiva 2003/96 li huma bbażati fuq il-prinċipju li l-prodotti tal-enerġija huma ntaxxati skont l-użu reali tagħhom (sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016, ROZ-ŚWIT, C-418/14, EU:C:2016:400, punt 33), għandu jiġi kkunsidrat li l-prinċipju ta' proporzjonalità jipprekludi wkoll leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, meta l-użu reali tal-prodotti tal-enerġija ma jkunx dubjuż.

35 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar' il fuq, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-prinċipju ta' effettività u l-prinċipju ta' proporzjonalità bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' dispożizzjoni bħal dik tar-raba' inċiż tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/96, li tippermetti lill-Istati Membri japplikaw, taħt ċerti kundizzjonijiet, rati ta' tassazzjoni ddifferenzjati bejn il-użu għan-negozju u dak li ma huwiex tal-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku msemmija minn din id-direttiva, huma jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru huma obbligati li jirrifjutaw, awtomatikament u mingħajr eċċezzjoni, talba għal eżenzjoni mit-taxxa ppreżentata fit-terminu ta' likwidazzjoni tat-taxxa inkwistjoni, previst mil-liġi nazzjonali, għar-raġuni unika li l-applikant ma rrispettax il-limitu ta' żmien stabbilit minn din il-liġi għall-introduzzjoni ta' tali talba.

**Fuq l-ispejjeż**

36 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Il-prinċipju ta' effettività u l-prinċipju ta' proporzjonalità, bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni,**

**għandhom jiġu interpretati fis-sens li:**

**fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' dispożizzjoni bħal dik tar-raba' inċiż tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/96, li tippermetti lill-Istati Membri japplikaw, taħt ċerti kundizzjonijiet, rati ta' tassazzjoni ddifferenzjati bejn il-użu għan-negozju u dak li ma huwiex tal-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku msemmija minn din id-direttiva, huma jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru huma obbligati li jirrifjutaw, awtomatikament u mingħajr eċċezzjoni, talba għal eżenzjoni mit-taxxa ppreżentata fit-terminu ta' likwidazzjoni tat-taxxa inkwistjoni, previst mil-liġi nazzjonali, għar-raġuni unika li l-applikant ma rrispettax il-limitu ta' żmien stabbilit minn din il-liġi għall-introduzzjoni ta' tali talba.**

Firem